**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Kelly Cassar**

Kaz Numru: 35/2013

Illum 1 ta' Gunju 2016

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Kelly Cassar**, ta' ghoxrin (20) sena, iben Joseph u Monica nee` Gambin, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar is-16 ta' Frar 1992, u joqghod 'Meilaq', St. Heart, Flat 2, Triq il-Kappillan Guzepp Hili, Fontana, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 10192(G), akkuzat talli nhar it-8 ta' Mejju 2012, ghall-habta tat-tmienja neqsin kwart ta' filghodu (7.45a.m.), waqt li kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Skoda, bin-numru tar-registrazzjoni BBG 935, fi Triq ix-Xlendi, Fontana, Ghawdex u jew fil-vicinanzi;

1. B'nuqqas ta' hsieb, jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku tajjar lil Josephine Broughall u involontarjament

ikkagunalha offiza ta' natura gravi skont kif iccertifika Dr M. Masini M.D. mill-Isptar Generali ta' Ghawdex;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku involontarjament ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Alan Broughall skont kif iccertifika Dr M. Masini M.D. mill-Isptar Generali ta' Ghawdex;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Skoda, bin-numru tar-registrazzjoni BBG 935, b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluz;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku involontarjament ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' nuccali u arlogg tal-idejn ghad-dannu ta' Josephine Broughall;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imputat f'kaz ta' htija jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu l-ebda licenzija tas-sewqan ghall-perjodu li din l-Onorabbli Qorti jidhirlha li hu xieraq;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 297) datata 1 ta' Dicembru 2015 li permezz taghha baghat lill-imputat Kelly Cassar biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(1) Fl-Artikoli 226 (1) (a) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Fl-Artikolu 226 (1) (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) Fl-Artikolu 15 (1) (a), 15 (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) Fl-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(5) Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 532B, 533 u 534 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tas-27 ta' Jannar 2016 (*a fol.* 300), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-1 ta' Dicembru 2015, u f'liema seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Illi fuq ammissjoni tal-imputat rigward l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati taghhom;

**Decide:**

Ghadaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi indikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 1 ta' Dicembru 2015, filwaqt li tillibera lill-imputat Kelly Cassar mir-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' elfejn ewro (€2000) u skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' tliet (3) xhur li jibdew jiddekorru minn nofsillejl u minuta ta' ghada (00:01a.m.).

In oltre, il-Qorti, stante li sabet htija fl-imputat, qieghda tordna lill-imputat sabiex fi zmien tliet (3) xhur mil-lum ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti fl-ammont ta' hames mija u tlieta u tletin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€ 533.54) skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**